KUNSILL REĠJONALI LVANT

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 23

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

It-Tnejn 28 ta' Awwissu, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Dean Hili – Sindku Pembroke

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, u mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

23.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 22 li nżammet nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

23.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech.

23.2.3 Il-President talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex jiġi diskuss puntu 22.5 li kien hemm fuq l-aġenda.

23.2.4 Fuq l-approvazzjoni tal-membri preżenti, is-Sur Chircop talab lis-Sa Marcon Borg Caruana sabiex tgħati l-preżentazzjoni tiegħha lill-membri.

## 23.5 Preżentazzjoni mill-Maniġer tal-Kultura– Is-Sr Marcon Borg Caruana

23.5.1 ***17:49 – Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Dean Hili, wasal għal din il-laqgħa.***

23.5.2 Is-Sa Borg Caruana irringrazzjat lir-Reġjun talli ngħatat din l-opportunità biex taqsam ix-xogħol li qed tipprepara b'mod speċjali minħabba t-titlu tar-Reġjun Kulturali 2024. Wara tat spjegazzjoni dettaljata ta' l-abbozz tal-programm li kien ġie ppreżentat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ftit tal-ġranet qabel.

23.5.3 Waqt il-preżentazzjoni l-membri ressqu wkoll l-opinjoni u s-suġġerimenti tagħhom sabiex ikunu jistgħu jittieħdu in kunsiderazzjoni għal programm finali.

23.5.4 Il-President għamel spjegazzjoni fuq il-kuntratt li kien għadu kif ġie iffirmat aktar kmieni dakinhar tal-laqgħa u kif dan kien ġie ppreżentat lir-Reġjun il-Ħamis 24 t'Awwissu 2023. Hu spejga kif dan il-kuntratt ma leħaqx ġie ppreżentat lill-membri waqt laqgħa tar-Reġjun minħabba li dan kien wasal ftit ġranet qabel din il-laqgħa u kien diġa ġiet stabillita d-data ta' l-iffirmar għal dan il-ftehim. Madankollu hu spjega kif kopja ta' dan il-kuntratt kien ġie iċċirkulat lill-Kunsilli Lokali permezz ta' emejl.

23.5.5 Is-Sur Chircop spjega b'mod speċifiku dwar il-punt imessemi fil-kuntratt fejn ir-Reġjun qed jiġi marbut li jrid jiffinanzja 10% tal-fondi għal dan it-titlu u kif ir-Reġjun irid ikollu Direttur Artistiku matul ix-xhur li ġejjin.

23.5.6 Il-membri ressqu t-tħassib tagħhom dwar min ser tkun dik il-persuna li jkun preżenti waqt l-avveniment u jkun qed jara li x-xogħol li kien miftihem, ikun verament sar kif suppost.

23.5.7 Il-President spjega wkoll kif ser tkun qed tinżamm laqgħa mal-Kunsill Reġjonali Nofsinhar li matul din is-sena għandu dan it-titlu u jkun hemm il-preparamenti neċessarji sabiex ikun hemm avveniment fejn it-titlu jkun qed jingħata minn Reġjun għall-ieħor.

23.5.8 Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-programm ikun jinkludi avvenimenti kulturali li diġa jinżammu mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u li jkunu jistgħu jinżammu bħala legat għas-snin ta' wara wkoll.

23.5.9 Il-President irringrazzja lis-Sa Borg Caruana tal-preżentazzjoni li tat lill-membri preżenti u staqsa lill-membri jekk kienx hemm xi domandi li xtaqu jressqu lis-Sa Borg Caruana.

23.5.10 Is-Sur Chircop sostna l-importanza fuq il-kooperazzjoni mistennija mingħand il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun biex flimkien dan il-programm kulturali jkun wieħed xieraq.

23.5.11 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jekk ir-Reġjun hux ser joħroġ sejħa għall-artisti sabiex jiġi stabbilit direttorju tat-talent li jinsab fir-Reġjun.

23.5.12 Is-Sa Borg Caruana ikkonfermat li avviżi dwar dan u oħrajn ser ikunu qed jiġu ppublikati fil-ġranet li ġejjin.

23.5.13 Il-President reġa għamel referenza dwar d-Direttur Artistiku u kif fil-laqgħa li kienet saret f'Awwissu 2022 dwar ir-Reġjuni Kulturali, l-ammont abbinat ma' dan l-irwol kellu jkun ta' €50,000 pero l-kuntratt jidher r-Reġjun mhux marbut ma' dan l-ammont imma jrid jittieħed mill-fond totali ta' €250,000.

23.5.14 Wara diversi laqgħat dwar kif għandha tinħareġ is-sejħa, dan ir-Reġjun qed jitlob lill-persuni kollha kkonċernati ma dan il-fond sabiex din is-sejħa għandha tinħareġ immedjatament.

23.5.15 *18:30pm - Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

23.5.16 Is-Sur Chircop għamel referenza għall-avvenimenti li jinżammu mill-Kunsilli Lokali matul is-sena u kif dawk l-avvenimenti li huma ta' ċertu livell għandhom jaraw li jsiru mat-tema li ser tkun qed tinżamm b'risq dan it-titlu u jkunu msaħħin b'livell aħjar u jkunu taħt dan it-titlu.

23.5.17 Is-Sa Borg Caruana offriet l-għajnuna tagħha lill-Kunsilli Lokali sabiex anke tagħti suġġerimenti tagħha sabiex naraw li flimkien qed jintleħaq il-livell mistinni minn kulħadd.

23.5.18 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, issuġġerixxa sabiex issir database tar-Reġjun u jekk il-Kunsill Lokali jkolli avveniment, il-Kunsill jgħamel użu minn dan id-direttorju sabiex l-artisti fi ħdan ir-Reġjun ikollhom preferenza.

23.5.19 Is-Sur Zammit issuġġerixxa sabiex ir-Reġjun jara l-avvenimenti kollha li jinżammu mir-Reġjun u jkun hemm *review board* indipendenti mir-Reġjun fejn jaraw liema huma ta' ċertu livell u jiġu prijoritizzati.

23.5.20 Il-President qabel ma' dawn iż-żewġ punti u spjega kif l-irwol tad-Direttur Artistiku ser ikun qed jgħin dwar dan.

23.5.21 Is-Sur Max Zammit qal ukoll kif sfida oħra li jiltaqgħu magħha l-Kunsilli Lokali hija li ma jkollhomx *events manager.*

23.5.22 Uħud mill-membri ġibdu l-attenzjoni dwar l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali li dawn ser ikunu qed jinżammu fil-bidu tas-sena 2024 u espremew it-tħassib tagħhom dwar avvenimenti stabbiliti fil-kalendarju tal-Kunsill Lokali jistà jkun hemm tfixkil jekk il-kompożizzjoni tal-Kunsill Lokali tinbidel.

23.5.23 Wara diskussjoni qasira dwar dan, il-membri qablu sabiex dan it-tħassib jiġi mressaq lid-Diviżjoni sabiex ikun hemm ftehim fuq ċertu avvenimenti biex dawn xorta jinżammu, ikun xi jkun il-kompożizzjoni ġdida tal-Kunsill.

23.5.24 Peress li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet mill-membri preżenti, is-Sur Chircop irringrazzja lis-Sa Borg Caruana talli kienet preżenti għal din il-laqgħa u ġiet skużata sabiex toħroġ mill-laqgħa.

23.5.25 Is-Sur Chircop talab sabiex il-laqgħa titkompla skond il-kumplament ta' l-aġenda.

## 23.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Kuntratt bejn ir-Reġjuni u l-PROs*

23.3.1 Il-President informa lill-membri dwar laqgħat li kienet nżammet nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2023 ġewwa l-ERA sabiex jiġi diskuss il-kuntratt bejn ir-Reġjuni u l-PROs (Greenpak u GreenMT).

23.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti hu u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma rappreżentanti mill-ERA, rappreżentanti mill-PROs, Presidenti u Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni. Laqgħa ta' tliet siegħat fejn fiha ġie diskuss kull punt imsemmi f'dan il-kuntratt.

23.3.3 Hu żied jgħin kif ser tkun qed tinżamm laqgħa bejn id-Diviżjoni u r-Reġjuni nhar it-Tlieta 5 ta' Settembru 2023 peress li ġew imqajma punti important li jridu jiġu kjarifikati, fosthom l-issue tal-VAT, il-perjodu ta' kemm hemm ċans biex il-PROs iħalsu lir-Reġjuni, u fuq il-ħlas ta' penali jekk ikun hemm nuqqas mill-PROs.

22.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Laqgħa mas-CEO ta' TM*

23.3.5 B'dispjaċir il-President ninforma lill-membri kif wara li din il-laqgħa ġie posposta għal tliet darbiet, l-aħħar tentattiv biex jiltaqa mas-Sur Jonathan Borg nhar il-Ħamis 3 ta' Awissu 2023 reġgħet ġiet ikkanċellata ftit minuti qabel kellha tinżamm.

23.3.6 Is-Sur Chircop żied jgħid kif jinsab diżappuntat b'dan l-aġir u jistenna li fil-ġranet tiġi msejħa laqgħa oħra.

- *Laqgħa mal-Avukat Mifsud Bonnici*

23.3.7 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet ma' Dr Mifsud Bonnici sabiex jiġi dikuss il-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu mal-kollettur tal-iskart.

23.3.8 Il-President spjega kif dan l-avukat kien parti mit-tfassil tal-kuntratt tal-kollezzjoni tal-iskart.

23.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-membri kif fl-aħħar komunikazzjoni mill-kuntrattur dan ir-Reġjun kien ġie infurmat li aċċess għat-*tracking* u għal kameras.

23.3.10 Is-Sur Chircop informa kif l-avukat tal-kuntrattur ġie lura b'risposta u kif ser tkun qed terġa tinżamm laqgħa oħra ma' Dott Mifsud Bonnici biex naraw kif ir-Reġjun ser jipproċedu.

- *Laqgħa dwar il-problemi relatati mal-ġbir ta' l-iskart*

23.3.11 Il-President informa lill-membri dwar din il-laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 10 ta' Awwissu fejn għaliha kienu preżenti hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Waste Coordinator Manager.

23.3.12 Hu spjega kif din il-laqgħa li ġiet imsejħa b'urġenza mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, u għal dan il-għan kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor Alison Zerafa Civelli, flimkien mas-Segretarju permanenti, is-Sa Joyce Dimech, id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern lokali, is-Sur Natalino Attard, id-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea, il-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, u l-Presidenti, Segretarji Eżekuttivi u Waste Coordinator Managers tal-Kunsilli Reġjonali.

23.3.13 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif fuq talba tiegħu, ser tkun qed tinżamm laqgħa ma' l-Onor. Owen Bonnici nhar il-Ħamis 31 ta' Awwissu 2023.

23.3.14 Hu spjega kif għal din il-laqgħa ser ikun hemm preżenti wkoll l-Onor. Alison Zerafa Civelli, is-Segretarju Permanenti, is-Sa Joyce Dimech, u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard.

23.3.15 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa hu jixtieq jiġu ndirizzata xi problem marbutin mal-ġbir ta' l-iskart, l-uffiċini tar-Reġjun u t-Tribunal Lokali, ir-Reġjun tal-Kultura, u fuq il-problemi relatati mat-Tribunal Lokali.

23.3.16 Aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa li jmiss.

23.3.17 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa l-Ministru spjega kif il-liġi ma tippermittix biex timmulta lill-amministratur tal-blokka.

23.3.18 Kien hemm proposta sabiex it-turizmu, li jirregola l-*holiday apartments*, ikun hemm żewg persuni appuntati minn hawn sabiex ikollhom dirett mal-Maniger tal-Waste tar-Reġjun f'isem il-Kunsilli Lokali

23.3.19 Hu kompla jispjega kif filfrattemp ftit ġranet qabel is-Sur Chircip ġie infurmat li hemm persuna li hija responsabbli mir-reġistru tal-*condominum managers*.

23.3.20 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, qal kif din l-informazzjoni hija miftuħa għall-pubbliku u kif il-problema hija li mhux kulħadd huwa rreġistrat fuqha.

23.3.21 Is-Sur Chircop spjega kif ser tkun qed tinħareġ direzzjoni dwar kif ser tkun qed tinżamm proċedura u għal din ir-raġuni, is-Sindki ġew mitluba sabiex jistennew li tinħareġ din l-informazzjoni mingħand is-Sur Fava.

23.3.22 Dott Sciberras qal kif din malajr setgħet ġiet solvuta permezz ta' emenda fil-liġi.

23.3.23 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif ser ikun qed jattendi għall-laqgħa oħra relatata ma' dan.

23.3.24 Dott. Sciberras ressaq punt ieħor marbut ma' dan is-suġġett fejn informa lill-membri preżenti kif hu kien ġie infurmat li qabel il-laqgħa tar-Reġjun, hu kellu laqgħa mal-pulizija tal-*Community Police* fejn ġie

nfurmat li l-pulizija ser jibdew ikunu skorta ma' ta; l-ERA biex r-rappreżentanti ta' l-ERA ser ikunu qed iduru u jiftħu l-boroż.

23.3.25 Hu żied jgħid kif il-problema hi li xahar wara xahar, l-ERA qed tkun *non-responsive* u talab sabiex dan il-punt jiġi mressaq fil-meeting li għandu fuq dan is-suġġett.

23.3.26 Is-Sur Chircop żied jgħid kif hu jammira x-xogħol li s-Sindki qedin jgħamlu dwar il-problema bl-iskart pero hu qal kif dan mhux xogħol is-Sindki li jgħamlu. Dan intqal bl-ebda disrispett.

23.3.27 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, spjega minn xiex kien għaddha u dwar il-laqgħa li anke kellu mal-LESA biex forsi titranġa s-sitwazzjoni pero kienet xi ħaġa ta' darba biss.

23.3.28 Dott Hili qabel mas-Sur Chircop pero spjega kif dan l-aġir huwa sinjal ta' fatt iddisprat li is-Sindki spiċċaw fih peress li l-kritika tkun dejjem lejn il-Kunsill.

- *'Clean Localities – Our Shared responsability'*

23.3.29 Hekk kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, il-President informa lill-membri preżenti dwar dan is-seminar li ser ikun qed jinżamm nhar il-Ġimgħa 6 t'Ottubru 2023 ġewwa The Notch Conference Centre, l-Urban Valley Resort, San Gwann.

23.3.30 Is-Sur Chircop spjega kif ir-Reġjun kien diġa bagħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu sabiex din id-data tinżamm libera permezz ta' emejl u jkun ferm apprezzat jekk ikun hemm rappreżentanza tajba mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. is-Sur Quinton Scerri ser ikun il-moderatur u s-Sur Paul Gatt ser ikun ir-rapporteaur.

23.3.31 Is-Sur Chircop spjega kif hu jixtieq li jkun hemm Sindku li ser ikun qed jirrappreżenta s-Sindki u għal dan il-għan hu ppropona lil Dott Dorian Sciberras.

23.3.32 Inżammet diskussjoni qasira dwar kif ser ikun qed jinżamm dan is-seminar u s-Sur Chircop talab sabiex meta tittieħed deċiżjoni fl-aħħar ta' din il-laqgħa, il-Kunsilli għandhom jimxu ma' l-istess direzzjoni u talab ukoll biex kemm jistà jkun ikun hemm rappreżentanza tajba mill-Kunsili Lokali.

23.3.33 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex tiġi msejħa laqgħa lis-Sindki sabiex ikollhom opportunità li jressqu l-punti tagħhom lil Dott. Sciberras qabel ma jinżamm dan is-seminar.

- *Pink October u Movember 2023*

23.3.34 Il-President informa lill-membri preżenti kif qed isiru l-preparamenti sabiex għal sena oħra jerġgħu jinżammu l-avvenimenti sabiex ikun hemm *awareness.*

23.3.35 Hu spjega kif il-pjan huwa li nhar it-18 ta' Ottubru 2023 ser tkun qed tinżamm self defence class ġewwa skola sport, Pembroke. Ikun ferm apprezzat jekk is-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u staff jattendu.

## 23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

23.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 23.6 Rapporti

23.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq f'din il-laqgħa.

## 23.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

23.7.1 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu 2023, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ġew mgħotija r-riżenja mill-Projects Manager, is-Sur Kurt Camilleri, u kif għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Jobsplus sabiex tinħareġ is-sejħa.

23.7.2 Is-Sur Chircop spjega kif peress li l-approvazzjoni ngħatat il-Ħamis li għaddha, matul din il-ġimgħa kienet ser tinħareġ is-sejħa internament mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

23.7.3 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

23.7.4 Is-Sur Chircop spjega li apparti li dan l-impjieg ġie fi tmiemu u għalhekk ix-xogħol relatat mal-avvenimenti li għad baqa sa tmiem din is-sena, hu xtaqt jirrimarka fuq s-servizz li qed jingħata mill-kumpanija li ġiet imqabda matul dawn ix-xhur sabiex tgħin fil-koordinament ta' dan l-avvenimenti.

23.7.5 Is-Sur Chircop spejga kif hu jħoss li dan is-servizz m'għandux jibqa jiġi mitlub wara li jkun spiċċa l-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu ma' Bubbles Animation.

23.7.6 Inżammet diskussjoni qasira dwar dan bejn il-membri preżenti.

23.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa qed isiru l-preparamenti biex tinżamm *closing ceremony* f'Diċembru sabiex jiġu mistiedna l-għaqdiet sportivi kollha li kienu parti mill-programm sportiv matul din is-sena.

23.7.8 Aktar dettalji dwar dan ser ikunu qed jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

- *EU/Local Funds Manager*

23.7.9 Il-President informa kif din is-sejħa reġgħet inħarġet esternament nhar il-Ġimgħa 4 ta' Awwissu 2023. Peress li kien hemm applikazzjonijiet validi, il-bord iltaqa nhar il-Ħamis 24 ta' Awwissu sabiex jinżammu dawn l-intervisti.

23.7.10 Il-bord qabel kif il-persuna kwalifikata u adekwata għal din il-pożizzjoni kienet is-Sa Claire Galea. Is-Sa Galea ser tkun infurmata dwar dan mill-uffiċċju bit-tama li tkun tistà tibda l-impjieg tagħha minn nhar il-Ġimgħa 1 ta' Settembru 2023.

- *IT Manager*

23.7.11 Din il-pożizzjoni għadha miżmuma minħabba li r-Reġjun qed jistenna kjarifika dwar eliġibilità.

- *Clerk fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant (Scale 15)*

23.7.12 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa kienet ġiet mgħaluqa nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2023 u sad-data ta' l-għeluq dan ir-Reġjun kellu erbgħa applikazzjonijiet li kienu validi. Il-bord kien ser jiltaqà nhar il-Ġimgħa 11 ta' Awwissu 2023 sabiex iżomm l-intervisti.

23.7.13 Is-Sur Chircop spjega kif peress li ħadd mill-applikanti validi ma kien ser jattendi, din is-sejħa reġgħet inħarġet esternament. Din is-sejħa ġiet mgħaluqa illum u fil-ġranet li ġejjin il-bord ser ikun qed jiltaqà biex iżommu dawn l-intervisti.

- *Part Time Cleaner (Scale 18)*

23.7.14 Il-President spjega kif din is-sejħa kienet inħarġet internament u peress li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda applikazzjoni sad-data ta' l-għeluq (it-Tlieta 25 ta' Lulu 2023), is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil Jobsplus sabiex jipproċedu b'din is-sejħa.

23.7.15 Is-Sur Chircop qal kif il-lista ta' applikanti adekwati għal din il-pożizzjoni waslet għand ir-Reġjun nhar it-Tlieta 8 ta' Awwissu 2023. Peress li kien hemm applikazzjoni, il-Bord iltaqa nhar il-ħamis li għadda u s-Sur Dylan Cini ser ikun qed jipprova dan ix-xogħol fil-ġranet li ġejjin.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time fit-Tribunal Lokali*

23.7.16 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa kienet ġiet ippublikata internament u b'kollox kien hemm applikazzjoni waħda mir-Reġjun Lvant. Il-bord irrakomanda lis-Sa Jana Schembri li fil-preżent taħdem fit-tribunal lokali u li kienet diġa qed tagħmel dan ix-xogħol matul dawn l-aħħar xhur.

23.7.17 Il-membri preżenti approvaw din id-deċiżjoni.

## 23.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Malta Libraries*

23.8.1 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sa Cheryl Falzon fejn infurmatna kif huma jinsabu fil-proċess li jiġi ġġedded il-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni mal-Kunsilli Lokali dwar it-tmexxija u ż-żamma tal-libreriji pubbliċi f'kull lokalità rispettiva.

23.8.2 Hu żied jgħid kif għak dan il-għan ġejna mitluba sabiex nattendu għall-laqgħa sabiex jiġu ffirmati dawn il-ftehimiet mal-Kunsilli Lokali rispettivi. Dan id-dokument intbagħat lilkom aktar kmieni dalgħodu u napprezzaw risposta sa tmiem din il-ġimgħa.

- *Korsijiet - Idea Academy*

23.8.3 Il-President għamel referenza għall-korsijiet li qed jiġu offruta minn fejn sar kuntratt bejn din l-akkademja u l-AKL sabiex ikun hemm taħriġ għal ħaddiema tal-kunsilli u reġjuni.

23.8.4 Il-President spjega kif dawn l-impjegati għandhom opportunita sabiex jieħdu r-rimborz sħieħ peress li 70% jieħduhom lura mill-Get Qualified filwaqt li 30% l-oħra qed jingħataw bħala sponsor. Min m'għandux biex joħroġ id-differenza, jista jitlob lill-Kunsill jew Reġjun jgħinu billi joħroġhom il-Kunsill jew regjun u jsir kuntratt bejn it-tnejn li meta dan jirċievi l-flus, jgħaddihom lura..

23.8.5 Il-membri preżenti approvaw dan l-inċentiv.

23.8.6 ***19:40pm - Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.***

- *Website tar-Reġjun*

23.8.7 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun kien irċieva rapport mill-Malta Communications Authority dwar in-nuqqasijiet li kienu nstabu fil-website u ġew irrappurtati f'dan id-dokument.

23.8.8 Hu spjega kif dawn il-punti ġew diskussa mal-kumpanija li ħolqot din il-website u għal din ir-raġuni qed tiġi ppreżentata kwotazzjoni għal dawn ix-xogħolijiet.

23.8.9 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Kwotazzjonijiet Meħtieġa*

23.8.10 Il-President ressaq fuq il-mejda dawn il-kwotazzjonijiet:

- Cutouts tal-Karattri għat-tnedija tat-Treasure Hunt – l-orħos mingħand Printagram €1,209
- Videographer għat-tnedija – Reel8 Productions - €649.00
- 900 medalja għall-avvenimenti sportivi – Horace Enterprises - €955.80
- Supply and Printing ta' T-Shirts – Nolita Group - €3,068.00

23.8.11 Dawn il-kwotazzjonijiet ġew approvata mill-membri preżenti.

- *Data Protection Officer*

23.8.12 Il-President spjega kif dan is-servizz kien skada riċentament u għal din ir-raġuni reġgħu ngabru l-kwotazzjonijiet. L-orħos kienet dik ippreżentata minn BOOM Consultancy and Advisory Services – €2,832.00.

23.8.13 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Is-servizz li dan ir-Reġjun għandu għal IT Maintenance*

23.8.14 B'referenza għal dan is-servizz, il-President spjega kif il-kuntratt li kien sar kien skada wkoll u għal din ir-raġuni ngabru l-kwotazzjonijiet meħtiega. L-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand C-Planet IT Solutions - €170.00 fix-xahar.

23.8.15 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Laqgħat tar-Reġjun*

23.8.16 Hekk kif ġie espremit fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, **il-** ser ikomplu jinżammu ġewwa l-Urban Valley wara li ngabru kwotazzjonijiet neċessarji. Għal din ir-raġuni ser ikun qed isir kuntratt għal sena.

23.8.17 Is-Sur Max Zammit staqsa jekk sarx eżerċizzju dwar l-ispejjeż relatati mal-kirjiet ta' l-uffiċċju u jekk l-uffiċċju għandux jiġi mċaqlaq f'post ieħor adekwat.

23.8.18 Il-President spjega kif ser ikun qed isir l-aħħar tentattiv mal-Ministru Bonnici dwar dan il-punt, u jekk ir-Reġjun jibqa bla għajnuna dan ir-Reġjun irrid jikkunsidra li jfittex post adekwat fil-privat.

- *Proġett Caritas Malta – Adoloscent Pathways*

23.8.19 Il-President għamel referenza għal korrispondenza li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand is-Sa Dorianne Diacono (SPI) dwar dan.

23.8.20 Hu spjega kif sabiex dan il-proġett ikun suċċess Caritas Malta jixtiequ li l-Kunsilli Lokali jassistu f'din il-kampanja edukattiva. Għal din ir-raġuni jkun ferm apprezzat jekk kulħadd jinfurmana dwar l-interess tiegħu sat-13 ta' Settembru 2023.

- *EIT Urban Mobility*

23.8.21 Il-President informa lill-membri preżenti kif il-maniger ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, kienet applikat għal kors li ser ikun qed jinżamm dwar dan.

23.8.22 Hu spjega kif peress li ġiet magħżula biex tattendi għal dan is-seminar li ser ikun qed jinżamm b'sessjonijiet onlajn kif ukoll fiżikament ġewwa Rotterdam nejn it-23 ta Ottubru sas-26 ta' Ottubru 2023. Għal din ir-raġuni nġabru l-kwotazzjonijiet tal-biljetti ta' l-ajruplan peress li l-accomodation u l-ikel ser ikun qed jiġi provdut.

23.8.23 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta.

- *Talba mingħand Bulletproof*

23.8.24 Il-President ressaq din it-talba sabiex ir-Reġjun ikun parti mit-tnedija ta' l-open air gym li ser ikun qed jinfetah f'Settembru li ġej ġewwa l-Universita ta' Malta.

23.8.25 Il-membri preżenti qablu sabiex ikunu parti minn dan l-avveniment u jiġi mħallas il-prezz ta' €1,600 (VAT Esklużi)

- *Cir AKL 2023/045_LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal*

23.8.26 B'referenza għal din iċ-ċirkulazzjoni, is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun kien talab il-kummenti mingħand il-Kunsilli Lokali dwar l-ammonti provduta ta' kif ser ikunu qed jiġu mqassma. Dan ir-Reġjun ma rċieva l-ebda risposta miongħand il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex u Sliema.

23.8.27 Hu żied jgħin kif kien hemm oġġezzjoni żgħira milll-Kunsill ta' l-Iklin hekk kif kien qal fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun u għal din ir-raġuni ghandha tinżamm laqgħa bejn iż-żewġ Sindki sabiex din il-problema tiġi ndirizzata.

## 23.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

23.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

23.9.2 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino, sekondata mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 20A u 20B.

23.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 23.10 Mozzjonijiet

23.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 23.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Settembru 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Settembru, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |